MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 122/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Geraldu Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Geraldu Sultana talli fil-5 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tas-2.10 p.m. gewwa Triq il-Parata u Triq il-Kanun, Santa Venera:

(1) xerred f'dawn it-toroq zejt jew materjal iehor li jizloq u jtebba' t-triq;

(2) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(3) ingurja u/jew insulenta lil girien ta’ madwar;

(4) halla vetturi fl-imsemmija toroq minghajr ma kienu jinsabu fi stat tajjeb ghat-triq;

(5) halla vetturi mitluqa u abbandunati fl-imsemmija toroq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta’ l-imsemmi Geraldu Sultana, u wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Avviz Legali 344/2005 Skeda 1 regolament 4(f) u r-regolament 126 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, sabitu hati u kkundannatu *ammenda* ta’ tletin euro (€30);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, (b) tirrevokaha u thassarha biss f’dik il-parti relattiva ghall-piena moghtija minnha fejn ikkundannat lill-imputat ghal ammenda ta’ tletin euro (€30), u (c) minflok, ghar-ragunijiet fuq premessi, tinfliggi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skond il-ligi ghar-reati kollha li nstab hati dwarhom kif hawn fuq imsemmi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-piena li jghid li fix-xorta jew kwantita` taghha hi differenti minn dik preskritta bil-ligi. Jghid illi d-diversi reati addebitati lill-appellat huma soggetti ghal piena li tista’ tkun dik ta’ ammenda. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti, fl-ghoti tal-piena, nizlet taht il-minimu preskritt mil-ligi. Jghid li ghall-ewwel imputazzjoni l-ammenda minima hi dik ta’ €58.23 skond ir-regolament 10 ta’ l-Avviz Legali 344/2005,

ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-ammenda minima hi dik ta’ €6.99 kull imputazzjoni skond l-artikolu 13 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ghar-raba’ u l-hames imputazzjonijiet l-ammenda minima hi dik ta’ €11.65 kull imputazzjoni skond l-artikolu 55(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk anke bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizulta li l-ewwel Qorti erogat piena anqas mill-minimu possibbli. Barra minn hekk dik il-Qorti ma ccitatx ragunijiet specjali u straordinarji li jiggustifikaw li tinzel taht il-minimu possibbli.

Bla dubju ta’ xejn l-Avukat Generali ghandu ragun. L-ewwel Qorti nizlet taht il-minimu minghajr ma tat ragunijiet specjali u straordinarji skond kif jippreskrivi l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Barra minn hekk lanqas ma ngabu tali ragunijiet quddiem din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti, u wara li hadet konjizzjoni tal-fedina penali aggornata ta’ l-appellat, sejra tirrevedi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti sabiex tinfliggi piena skond il-ligi kif mitlub mill-Avukat Generali, b’dan illi sejra tapplika il-paragrafu (f) ta’ l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi hekk: **“persuna misjuba hatja ta’ aktar minn reat wiehed li ghalih hemm pieni pekunjarji tinghata l-piena tal-multa jew ammenda oghla jew ta’ l-oghla multa jew ammenda, skond il-kaz, b’zieda ta’ nofs kull wahda mill-multi jew ammendi l-ohra”**.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat Geraldu Sultana ghall-hlas ta’ ammenda ta’ €30 u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda komplessiva ta’ €174.69 u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------